# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-7 ta' Marzu, 2018.**

**Rikors Numru 234/2018**

**Fl-atti tal-Mandat t'inibizzjoni**
**fl-ismijiet:**

**F. *House Investment Limited***
**(C – 34623)**

**vs.**

**D.A. *Holdings Limited***
**(C – 18064)**

Il-Qorti,

1.0. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur datat it-12 ta' Frar, 2018, (ara foll 1);

2.0. Regghet rat id-digriet preliminari taghha li wkoll igib l-istess data indikata fil-paragrafu precedenti, (ara foll 1 u foll 17), li permezz tieghu:

  2.1. Iddikjarat li rat l-imsemmi rikors promotur;

  2.2. Laqghet provizorjament it-talbiet kontenuti fl-istess rikors promotur;

  2.3. Ordnat in-notifika tal-istess lill-kontro-parti;

  2.4. Appuntat l-istess rikors promotur ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata;

3. Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` intimata datata s-27 ta' Frar, 2018, (ara foll 21);

4. Ezaminat id-dokumenti esebiti mill-kontendenti;

5. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward;

Ikkunsidrat:

6. Illi permezz tar-rikors promotur fuq indikat is-socjeta` rikorrenti qed tipprova tittutela l-kreditu taghha fil-konfront tas-socjeta` intimata u ghalhekk qed titlob li s-socjeta` intimata ma tithalliex b'xi mod titrasferixxi l-proprjeta` indikata fl-istess rikors;

7.0. Illi r-ragunijiet ghal dan jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

  7.1. Illi l-partijiet ikkonkludew konvenju datat il-15 ta' Gunju, 2007, fejn hi kienet obbligata tixtri u s-socjeta` intimata li tbiegh il-proprjeta` *de quo*, (ara foll 5);

  7.2. Illi peress li x-xoghol ta' kostruzzjoni kien dam wisq, kienu wkoll ftehmu li s-socjeta` intimata trodd lura lis-socjeta` rikorrenti l-ammonti ta' depozitu u danni minnha hemm indikati, (ara foll 1);

7.3. Illi permezz ta' skrittura datata s-16 ta' Jannar, 2016, bejn il-kontendenti u socjeta` ohra, s-socjeta` intimata ammettiet li kellha thallas l-ammonti indikati fil-paragrafu precedenti, (ara foll 12);

7.4. Illi *nonostante* s-suespost, is-socjeta` rikorrenti ghadha ma thallset xejn;

7.5. Illi l-unici assi li ghandha s-socjeta` intimata huma l-proprjetajiet fuq indikati;

7.6. Illi s-socjeta` intimata m'ghandiex assi ulterjuri biex thallas l-ammonti minnha dovuti lis-socjeta` rikorrenti;

7.7. Illi *di piu`*, s-socjeta` intimata ghaddejja minn proceduri ta' stralc;

Ikkunsidrat:

8. Illi min-naha taghha s-socjeta` intimata irrispondiet sintetikament bil-mod segwenti:

8.1. Illi ghaddejja minn proceduri ta' stralc, (ara foll 31);

8.2. Illi in forza tal-artiklu 224 (2) tal-Kap 386, tal-Ligijiet ta' Malta (minn issa 'l quddiem Kap 386), l-ebda procediment ma jista' jinbeda jew jitkompla jekk mhux bl-awtorizzazzjoni tal-qorti;

8.3. Illi lanqas jirrizulta li intalbet jew inghatat tali awtorizzazzjoni mill-qorti kompetenti;

8.4. Illi ghalhekk it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu respinti;

Ikkunsidrat:

9. Illi b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Panta *Contracting Limited* vs. D.A. *Holdings Limited*, datata z-17 ta' Marzu, 2016, gie dikjarat u deciz ix-xoljiment tas-socjeta` intimata, u konsegwentement gie mahtur stralcjarju, jew ahjar

amministratur provizorju ghas-socjeta` hawn ukoll intimata, (ara foll 32);

10. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-artiklu 224 (2) tal-Kap 386 miz-zewg kontendenti li jistipula s-segwenti:

> "Meta jkun sar ordni ghal stralc jew ikun inhatar amministratur provvizorju, skont id-dispozizzjonijiet tal-artiklu 228, ma tista' tittiehed ebda azzjoni jew jinbdew xi proceduri kontra l-kumpanija jew il-proprjeta` taghha hlief bil-permess tal-qorti u taht dawk il-kondizzjonijiet li tista' timponi l-qorti";

11. Illi jigi osservat li l-imsemmi sub-artiklu japplika ghal kull azzjoni jew procedura li tista' tigi inizjata fir-rigward, u konsegwentement hu wkoll applikabbli ghal dawk il-mandati li jigu pprezentati u li jinhargu wara li s-socjeta` in kwistjoni tkun giet iddikjarata xolta, proprju bhal ma hu fil-kaz in dizamina;

12. Illi ssir ukoll referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti** Civili fl-ismijiet ***Banif Bank*** (**Malta**) ***p.l.c.*** vs. **Cassar & Schembri (*Marketing) Limited et***, datata l-**21 t'April, 2016**, li tirriafferma li:

> "... l-imsemmi artikolu 224 (2) jirreferi ghal kawzi jew azzjoniijiet gudizzjarji li jittiehdu **kontra** kumpanija li tkun tqieghdet fi procedura ta' stralc ... Il-kliem tal-ligi jidher li jaghmilha haga cara li hu mahsub biex ihares lil kumpanija li tkun ghaddejja minn process ta' stralc ... milli jinfethu kontriha kawzi jew jittiehdu kontriha proceduri b'qorti ... il-legislatur taghna, ghall-kuntrarju, jidher li ghazel li dik l-awtorizzazzjoni trid tinkiseb biss fil-kaz fejn il-kumpanija mharrka tkun fi process ta' stralc";

Ikkunsidrat:

13. Illi minn ezami tad-dokumenti prodotti *in atti* u tat-trattazzjoni orali kondotta mill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, jirrizulta li l-awtorizzazzjoni kurjali rikjesta *ai termini* tal-artiklu 224 (2) tal-Kap 386 fuq riprodott ma inghatatx billi xejn fir-rigward ma gie imressaq ghall-iskrutinju ta' din il-qorti;

14. Illi konsegwentement, la s-socjeta` rikorrenti m'aderietx mal-artiklu sucitat allura, t-talba tas-socjeta` rikorrenti ma tistax issib l-avall ta' din il-qorti;

**DECIDE:**

15.0. Illi in vista tal-premess tqis li s-socjeta` rikorrenti ma ipprovatx it-talbiet taghha skont il-Ligi, u konsegwentement:

15.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti;

15.2. Takkolji r-risposta tas-socjeta` intimata;

15.3. Tirrevoka ghalhekk *contrario imperio* d-digriet preliminari taghha datat it-12 ta' Frar, 2018;

15.4. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra s-socjeta` rikorrenti.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**